KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
36, 'VIDENZA', TRIQ IL-MITĦNA
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

# MINUTI

## Laqgħa URĠENTI tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa URĠENTI Numru 51

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 15 ta' Frar 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-11.30 ta' filgħodu. .

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Daniel Mallia– Viċi Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

51.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2022

51.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-rapport finanzjarju għas-sena 2022.

51.2.2 Is-Sindku spjega l-importanza ta' dan ir-rapport billi tkellem fid-dettall fuq id-dħul u l-ispejjeż li kellu l-Kunsill għas-sena 2022. Huwa tkellem ukoll fuq il-profit li għamel il-kunsill. Huwa qal li dan ir-rapport fih jiġbor l-informazzjoni kollha dwar is-sistema ta' *accounts* li għandu l-kunsill u dan ir-rapport ġie propju ppreparat għall-*audit* li ser isir dalwaqt bħala rendikont tas-sena 2022.

51.2.3 Ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2022 ġie approvat unanimament mill-kunsill, fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph zahra.

### 51.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-evalwazzjoni tad-dokument 'Tender for the provision of health attendants to carry out services of cleaning of public conveniences in an environmentally friendly manner for the Ħal Lija Local Council'

51.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda rapport tal-evalwazzjoni tat-tender li nħareġ riċenti biex ikun hemm attendant li jnaddaf il-latrini. Kopja ta' dan ir-raport intbgħatet lil Kunsilliera b'imejl qabel il-laqgħa.

51.3.2 Fil-qasir is-Segretarju Eżekuttiv spjegat dan ir-rappport fejn qalet li b'kollox kien hemm erba offerti. Hija fakret ukoll kif dan it-tender inħareġ BPQR. Wara li dan it-tender ġie evalwat u anke saru diversi klarfikazzjonijiet mill-bord maħtur, il-bord tal-evalwazzjoni rrakkomandha li dan it-tender jingħata lis-Sur Joseph Farrugia.

51.3.3 Il-Kunsill b'mod unanimu, fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien ssekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettatha mill-kunsill. Għalhekk fil-jiem li ġejjien is-Segretarju Eżekuttiv issa ser tkompli tieħu ħsieb li tagħlaq l-evalwazzjoni onlajn u tinforma lil bidders kollha nvoluti b'dan ir-riżultat u jsir il-kuntratt mas-Sur Farrugia.

### 51.4 Tmiem tal-laqgħa

51.4.1 Il-laqgħa ntemmet fi 11:39am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |